# LEJN IS-SENA 2000 - L-EDUKAZZJONI TAL-KONSUMATUR FL-ISKEJJEL

**Wieħed mid-drittijiet bażiċi tal-konsumatur huwa d-Dritt għall-Edukazzjoni. Kemm huwa edukat f'dan il-qasam il-konsumatur Malti? Sfortunatament għad baqalna x'naqdfu sabiex nilħqu l-livell ta' sħabna fl-Ewropa! Għalhekk huwa meħtieġ li l-Edukazzjoni tal-Konsumatur għandha tkun parti mill-Kurrikulu Nazzjonali. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tal-Ministri ta' l-Edukazzjoni ta' l-Unjoni Ewropeja Nru. 86/C 184/07 tistipula li l-edukazzjoni tal-konsumatur għandha tiġi mgħallma minn għalliema mħarrġa apposta fejn l-Awtoritajiet tal-pajjiż għandhom jipprovdu l-materjal meħtieġ. Ir-riżoluzzjoni issostni li l-Edukazzjoni tal-Konsumatur għandha ssir fuq dawn il-linji:**

*Joyce Borg*

> "Illum it-tfal u ż-żagħżagħ jgħixu f'dinja ta' reklami jlellxu. Mingħajr ma jridu jiġu mħajra jixtru prodotti u jidħlu għall-piż tagħhom mingħajr ma jkunu jifilħu għalihom"

*Ms Joyce Borg DPA. MICA. Principal, Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur.*

## Finanzi Personali

Fis-soċjetà konsumista tagħna malli koppja tiddeciedi li trid tibda familja tidhol ghal hafna dejn sabiex tibni u tforni darha. Ghalhekk it-tfal u ż-żagħżagħ iridu jkun armati biex jagħmlu l-aħjar għazliet skond kemm jippermettilhom buthom. Hawnhekk huwa meħtieġ li l-istudenti tagħna jkollhom tagħrif bażiku u ħiliet ta' kif jieħdu ħsieb il-finanzi tagħhom. B'hekk fil-futur ikunu kapaċi u iktar responsabbli għal finanzi tagħhom u tal-familja.

## Id-Drittijiet u l-Obbligi

Huwa meħtieġ li jkunu jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom biex il-parteċipazzjoni tagħhom f'soċjeta konsumista tkun mingħajr diffikultajiet.

L-istudenti għandhom isiru jafu l-punti li huma l-aktar essenzjali tal-liġijiet u r-regolmanti li jitrattaw id-drittijiet u l-obbligi tal-konsumatur. Iridu jsiru familjari mar-regoli ġenerali tal-ftehim u l-kuntratti. Huwa essenzjali ukoll li jkunu mgħarrfa dwar ir-regolamenti dwar l-ittikketjar tal-prodotti.

## Ir-Reklamar

Illum it-tfal u ż-żagħżagħ jgħixu f'dinja ta' reklami jlellxu. Mingħajr ma jridu jiġu mħajra jixtru prodotti u xorta jidħlu għall-piż tagħhom mingħajr ma jkunu jifilħu għalihom, għaliex jaħsbu li se jsibu sodisfazzjon fihom. Għalhekk l-istudenti għandhom ikunu konxji li l-għan huwa kummerċjali u għandhom jkunu kapaċi jeżaminaw u jinterpetaw b'mod matur, jekk ir-reklam huwiex ġenwin jew le.

## Il-Konsum u l-Ambjent

Aspett iehor importanti fl-edukazzjoni tal-konsumatur huwa l-konsum u l-ambjent. Għandha tinħoloq kuxjenza fost it-tfal dwar it-thedida li l-industrija, l-agrikoltura, it-trasport u l-iskart li narmu aħna stess jimponu fuq l-ambjent.

Iridu jkunu konxji dwar ir-responsabilitajiet tagħhom bħala konsumaturi u jitgħallmu jirrispettaw l-ambjent li jridu jgħixu fih.

## Is-Saħħa u s-Sigurtà

Dritt iehor bażiku tal-konsumatur huwa d-dritt għall-protezzjoni tas-Sahha u s-Sigurta'. L-istudenti għandhom jiġu mħarrġa sabiex isajru ikel bnin u jkunu jafu kif l-ikel li jieklu jaffetwa sahhithom. F'dan il-qasam diga' sar titjib għaliex in-Nutrizzjoni diġa' qed tiġi mgħallma fl-iskejjel tagħna permezz tal-*Home Economics*.

## Metodoloġija

Il-Kurrikulu Norveġiż jagħmel enfasi kbira li dan is-suġġett għandu jiġi mgħallem b'attivitajiet kreattivi u l-prattika f'dan it-tagħlim hija importanti. L-edukazzjoni tal-konsumatur titratta id-drawwiet u l-attivitajiet tagħna li għandhom x'jaqsmu mad-dinja materjali li l-istudenti jħabbtu wiċċhom magħha ta' kuljum. Permezz ta' drama, arti u attivitajiet prattiċi, l-edukazzjoni tal-konsumatur tista' tibni pont bejn il-ħajja ta' kuljum ta' l-istudenti u d-dinja ta' l-iskola. Fil-fatt il-kurrikulu Norveġiż igħid hekk:

*"Subject curricula emphasize that pupils shall be active, participatory and independent. They should learn through doing, experimenting, and trying things out in the context of actual working situations."*

M'hemmx dubbju li biex jintlaħaq dan l-għan huwa importanti li wieħed ikollu l-materjal edukattiv meħtieġ. Fil-fatt l-iskejjel għandhom jiġu pprovduti b'din l-għodda tant meħtieġa. Ma nistgħux ma nsemmux li l-kompjuter jista' jkun wieħed mill-aħjar mezzi imprezzabbli sabiex ngħallmu dan is-suġġett.

Il-proposti tad-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur dwar l-Edukazzjoni tal-Konsumatur jinsabu f'paġna 40 ta' l-Abboz tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali Nazzjonali, ippublikat f'Marzu, 1998. Hawnhekk nheġġeġ lill-istudenti u l-għalliema sabiex jiflu dawn il-proposti u jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

## Referenzi

Selections from the Consumer Education Guide for Primary Schools in Norway, August, 1998

Official Journal of the European Communities, C184 Volume 29, 23 July, 1987

Dan huwa reklam bi ħlas